MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2010

Numru. 246/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Anthony Portelli**
**Spettur Carlo Ellul**

**vs**

**Lawrence Galea**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Lawrence Galea ta' 60 sena, iben Joseph u Giaele nee' Micallef, imwieled Zabbar nhar it-23 ta' Settembru 1947 u residenti no. 4 'Lorag', Triq is-Silla, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita' numru 906847(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

1. Nhar id-29 ta' Frar 2008 gewwa Msida ghall-habta tas-1 :00 ta' wara nofs inhar bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Daphne Ann Caruana Galizia mill-

Bidnija limiti tal-Mosta wegga bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor ;
2. Fl-istess data u fil-jiem ta' qabel kellu fil-pussess tieghu xi oggett li kellu xi marka jew sinjal li juri li dak l-oggett huwa propjeta' tar-Repubblika ta' Malta, jew oggett illi bhala l-pussessur tieghu kien jaf li huwa propjeta' tar-Repubblika ta' Malta, li l-awtorita' kompetenti ma tkunx tat permess bil-miktub sabiex wiehed jista' jiddisponi minnhom, u naqas li jaghti kont sodisfacenti ta' kif l-oggett jew il-haga kienu gew ghandu, u cioe' karti tal-Gvern ta' Malta ; u aktar talli

3. Fl-istess data u fil-jiem ta' qabel, f'Malta, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' karti tal-Gvern ta' Malta, liema karti gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju ; u aktar talli

4. Bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, dolozament bi ksur tad-dmirijiet tieghu, ghamel jew naqas li jaghmel xi att b'taghkkis jew bi hsara ta' haddiehor.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 4 ta' Marzu 2008 (esebit a fol. 5 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2008 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Rat ir-rapport tal-espert tekniku minnha nominat ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fid-29 ta' Frar 2008 sar rapport l-Ghassa tal-Pulizija tal-Imsida minn certu Roslyn Calleja li aktar kmieni dakinhar stess waqt li kienet ghaddejja mir-ring road tal-Universita' ta' Malta kienet lemhet ragel li kien qed isuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAX 217 qed iwaddab u jxerred xi karti mill-vettura tieghu ghal fuq ir-ring road. Hija marret tigbor dawn il-karti u setghat tikkonstata li dawn il-karti kienu flyers b'ritratt tal-gurnalista Daphne Caruana Galizia u bi kliem offensiv fil-konfronti tal-istess Caruana Galizia. Din il-persuna nfurmat lil Pulizija li kienet hadet in-numru tar-registrazzjoni tal-vettura in kwistjoni u ndikat li l-persuna li kien qed jixhet il-karti kien ragel ta' madwar sittin sena, kien liebes glekk u kellu xaghru iswed mitfuh lura. Il-Pulizija marru fuq il-post u gabru uhud minn dawn il-flyers. Fil-frattemp il-Pulizija skopriet li l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAX 217 kienet propjeta' tal-imputat fil-kawza odjerna. Inoltre fl-istess gurnata l-Pulizija rceviet kwerela (inserita a fol. 19 tal-atti processwali) minghand Daphne Caruana Galizia fejn hija nfurmathom li ghall-habta tas-1.00pm kienu nxtehtu diversi flyers bi kliem offensivi u malafamanti fil-konfrornti taghha fir-ring road tal-Universita' u talbithom jinvestigaw il-kaz. Hija inoltre nfurmat lil Pulizija li certu Luke Frendo li kien habib tat-tifel taghha kien gabar kwantita' kbira ta' dawn il-flyers u ghaddihomlha. Il-flyers migbura minn Luke Frendo gew esibiti f'dawn l-atti u huma mmarkati bhala Dok. AP1. Ritratti ta' sample minn dawn il-flyers jinsabu esebiti a fol. 24 tal-process. Wara li rcevew ir-rapport u l-kwerela l-Pulizija marru fir-residenza tal-imputat f'Haz-Zabbar minn fejn elevaw kompjuter (liema kompjuter gie esebit f'dawn l-atti u huwa mmarkat bhal Dok. PC1) u liema kompjuter gie mghoddi lis-Cyber Crime Unit sabiex jigi analizzat il-kontenut tieghu. L-imputat gie inerrogat diversi drabi (ara stqarrijiet minnu rilaxxjati inseriti a fol. 25 sa 28 fejn cahad li kien xehet xi flyers fuq ir-ring road tal-Universita' fid-29 ta' Frar 2008 izda kkonferma li dakinhar bejn is-1.00pm u

t-3.00pm kien qieghed l-Universita' u li kien kien mar hemm bil-vettura tieghu tal-marka Skoda Favorit bin-numru tar-registrazzjoni EAX 217. Meta gie rinfaccjat bil-fatt li min analizi li saret fuq il-kompjuter elevat mid-dar tieghu kienu nstabu clusters ta' kliem li kienu qeghdin fuq il-flyers in dizamina huwa ma iwegeb xejn, sar anzjuz immens u kellu jittiehed l-Isptar ghaliex hassu hazin.

Illi f'dawn il-proceduri xehdet Roslyn Calleja (traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 47 u 48 tal-process) li identifikat lill-imputat bhala il-persuna li fid-29 ta' Frar 2008 kien qed iwaddab il-flyers bi kliem ingurjuzi fil-konfronti ta' Daphne Caruana Galizia mill-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAX 217 tal-marka Skoda u ta kulur abjad. Xehdet ukoll Josephine Camilleri (traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 49 u 50 tal-process) li kkonfermat li hija flimkien ma Roslyn Calleja kienet gabret wiehed minn diversi flyers bi kliem offensivi li kienu mal-art fir-ring road tal-Universita' u identifikat dawn il-flyers bhala l-istess bhal dawk li kienu fil-baskett mmarkat bhala Dok. AP1. Xehed ukoll Luke Frendo (traskrizzjoni tax-xhieda relativa inserita a fol. 59 sa 60) li kkonferma li huwa kien gabar il-flyers immarkati bhala Dok. AP1 mir-ring road tal-Universita' ftit qabel l-Elezzjoni Generali tal-2008 u li kien ghadda dawn il-flyers lit-tifel ta' Daphne Caruana Galizia li kien habib tieghu peress li dawn il-flyers kellhom kliem offensiv u difamanti fil-konfronti tal-istess Daphne Caruana Galizia. F'dawn il-proceduri xehed ukoll l-Ispettur Paul Caruana mic-Cyber Crime Unit tal-korp tal-Pulizija (xhieda a fol. 39 sa 42) fejn dan ikkonferma li min analizi ta' kompjuter tal-marka Horizon u li kellu serial number 042832 seta' jigi kkonstatat li ghalkemm ma kienx hemm dokument saved bil-flyer li jifforma l-mertu ta' din il-kawza instabu 44 hit tal-keywords li kienu uzati fuq dan id-dokument u dan id-dokument ghalkemm ma kienx gie saved minn min uza il-kompjuter kien qieghed saved f'unlocated memory tal-istess kompjuter. Huwa esebixxa rapport li gie mmarkat bhala Dok. PC1 liema rapport kien jindika dak li rrizulta mill-analizi tal-kompjuter elevat mir-residenza tal-imputat kif ukoll il-hard drive tal-istess kompjuter li huwa mmarkat bhal Dok. PC2. F'dawn il-proceduri xehed ukoll Martin

Bajada li huwa l-espert nominat mill-Qorti fejn huwa esebixxa rapport (a fol. 65 et sequitur tal-process) u kkonferma li d-dokument bir-ritratt ta' Daphne Caruana Galizia u bil-kliem indikati fil-flyers mmarkati bhala Dok. AP1 ma nstabx fl-active files fil-kompjuter immarkat bhal Dok. PC2 izda qal li il-kliem indikati fuq dan id-dokument kienu fid-deleted content tal-imsemmi kompjuter kif jirrizulta mir-rapport imhejji mis-Cyber Crime Unti u mmarkat bhala Dok. PC1.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' ingurja kontemplat fl-Artikolu 252 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Minn ezami tal-provi migjuba mil-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jirrizulta li l-imputat gie identifikat minn Roslyn Calleja bhala l-persuna li kien qed jitfa' l-flyers mmarkati bhala Dok. AP1 u li jidhru fir-ritratti mmarkati bhala Dok. AP5. Irrizulta wkoll li il-kontenut ta' dawn il-flyers li kienu stampati fuq karti bil-watermark tal-Gvern ta' Malta instabu fid-deleted content tal-kompjuter elevat mir-residenza tal-imputat u rrizulta wkoll li l-imputat kien il-propjetarju tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAX 217 u li fid-29 ta Frar 2008 ghall-habta ts-1.00pm huwa kien qed isuq l-imsemmija vettura u li kien mar l-Universita' ta' Malta. Irrizulta wkoll li l-kliem fuq il-flyers mitfughin u mxerda mill-imputat huma ingurjuzi u intizi sabiex inaqsu il-gieh tal-kwerelanti Daphne Caruana Galizia u dan jinghad ghaliex minn ezami tad-dokumenti mmarkati bhala Dok. AP1 wiehed mal-ewwel jinduna li l-kliem hemm kontenuti huma intrinsikament offensivi u ndubjament intizi sabiex jingurjaw u jnaqsu l-gieh ta' Daphne Caruana Galizia. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li fid-29 ta' Frar 2008 l-imputat kien il-persuna li waddab u xerred fir-ring road tal-Universita' ta' Malta kwantita konsiderevoli ta' flyers b'kontenut ingurjuz fil-konfronti tal-kwerelanti Daphne Caruana Galizia u huwa sejjer ghalhekk jinstab hati tal-ewwel(1) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Ikkunsidrat:

Permezz tat-tieni(2) akkuza l-imputat jinsab akkuzat bir-reat kontemplat fl-Artikolu 291 tal-Kodici Kriminali liema Artikolu jipprovdi s-segwenti:-

***'Kull min, bil-hsieb li jahbi proprjetà tar-Repubblika ta' Malta, jiddistruggi jew ihassar mill-oggetti jew hwejjeg imsemmijin fl-ahhar zewg artikoli qabel dan, li ghalihom ma jkunx gie moghti permess sabiex wiehed jista' jiddisponi minnhom, xi marka jew sinjal li juru li dawk l-oggetti jew hwejjeg huma proprjetà tar-Repubblika ta' Malta, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn xahar sa sitt xhur.'***

Mill-provi rrizulta li d-dokumenti mmarkati bhala Dok. AP1 kienu stampati fuq karti li kellhom il-watermark tal-Gvern ta' Malta u li l-imputat li kien impjegat tal-Gvern ta' Malta u ghalhekk kellu access ghal karti bil-watermark tal-Gvern ma kellu ebda awtorita' li jutilizza jew jiddisponi minn dawn il-karti bil-mod kif irrizulta mill-provi li huwa ghamel. Mil-provi izda bl-ebda mod ma rrizulta li l-imputat iddistrugga xi marka fuq dawn il-karti li kienet turi li dawn kienu propjeta' tal-Gvern ta' Malta u ghalhekk huwa ma jistghax jinstab hati tar-reat kontemplat fl-Artikolu 291 li bih jinsab addebitat pemezz tat-tieni(2) akkuza.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tat-tielet(3) akkuza l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' misapproprijazzjoni kkontemplat fl-Artikolu 293 u 294 tal-Ligijiet ta' Malta izda fil-fehma tal-Qorti din l-akkuza bl-ebda mod ma tirrizulta pruvata ghaliex min imkien mill-provi ma jirrizulta li l-imputat approprija billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal terza persuna minn haga fdata lilu minn haddiehor. L-element ta' profitt huwa kompletament nieqes u ghalhekk l-imputat ma jistghax jinstab hati tat-tielet(3) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu. Inoltre b'riferenza ghar-raba'(4) akkuza bl-ebda mod ma rrizulta li l-imputat kien qed jagixxi fil-kwalita' tieghu ta' impjegat pubbliku fil-mument li huwa xerred il-flyers offensivi fil-konfronti ta' Daphne Caruana Galizia u

ghalhekk huwa ma jistghax jinstab hati tar-raba'(4) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat in-natura altament ingurjuza tal-kontenut tal-flyers imxerda mill-imputat u jidrilha li f'dan il-kaz piena karcerarja tkun aktar idoneja minn multa. Il-Qorti izda hadet in konsiderazzjoni wkoll kemm tal-fedina penali kwazi netta tal-imputat kif ukoll l-eta' avvanzata tieghu u l-fatt li mill-provi rrizulta li huwa jbaghti minn kundizzjoni medika ta' natura mentali u jidrilha li fic-cirkostanzi m'ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva izda li ghandha tapplika l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali fil-konfronti tieghu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 252 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel(1) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tlett (3) xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal perijodu ta' tnax (12)-il xahar millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-bqija tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' tlett mija disgha u sittin ewro u wiehed u disghin ewro centezmu (€369.91) liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------